**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn l-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta numru 505 tat-8 ta' Ottubru 2012**

Wara li s-Sedja semgħet il-punti kollha mqajjma mill-Onorevoli Joe Mizz fuq point of order, kif ukoll wara li semgħet ukoll l-argumentazzjoni tal-Ministru Tonio Borg, l-Onor Franco Debono u l-Onor Anġlu Farrugia, is-Sedja tiddeċiedi dan li ġej:

Qabel xejn irridu nikkonsidraw in-natura ta' din il-mozzjoni. Mozzjoni ta' aġġornament tista' tkun jew dilatorju jew sostantiva. Mozzjoni ta' aġġornament dilatorja għandha r-regoli tagħha. Meta l-mozzjoni ta' aġġornament tkun titlob ukoll il-materja li trid tiġi diskussa din ma tkunx fin-natura tagħha mozzjoni dilatorja imma mozzjoni sostantiva. Għaldaqstant hija regolata bħala tali mozzjoni sostantiva b'regoli tagħha fosthom l-Ordni Permanenti 22. Din l-Ordni tgħid li "għandu jingħata avviż ta' mill-inqas tlett ijiem għall-interpellanza jew għall-mozzjoni." Dawn it-tlett ijiem għal din ilmozzjonisostantiva ingħataw. Barra minn dan l-Ordni Permanenti 22 li ma hijex sospiża bilmozzjoni proċedurali ta' din il-Kamra, Mozzjoni 78, ma tiddistingwix bejn mozzjonijiet u allura din il-mozzjoni ġiet magħmula korrettement. Imkien fl-Ordni Permanenti 22 ma hemm indikat li mozzjoni sostantiva bħal din trid issir minn Ministru.

Dan bla preġudizzju għar-rulings tal-Ispeaker Lawrence Gonzi fis-Seduta 391 tas-26 ta' Ġunju 1990 u tal-Ispeaker Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 217 tat-13 ta' Mejju 1998 li kkontemplaw sitwazzjonijiet differenti mill-preżenti għaliex kienu sitwazzjonijiet fejn il-materja tqajmet wara linterruzzjoni tal-ħin tax-xogħol, ħaġa li hawnhekk ma saritx.

Huwa paċifiku għalhekk fil-fehma tas-Sedja li l-mozzjoni setgħet issir u saret kif kellha ssir bħala mozzjoni sostantiva u mhux mozzjoni dilatorja.

Tibqa' pero' il-kwistjoni ta' meta għandha tiġi dibattuta, u vvutata, tali mozzjoni sostantiva. Tressaq largument li l-maġġoranza tappoġġja din il-mozzjoni. F'dan ir-rigward irid jingħad li l-maġġoranza ommeno ma tistax tiġi predeterminata abbażi ta' dikjarazzjonijiet għaliex din hija biss determinate minn vot. Wieħed jista' jifhem li din hija sitwazzjoni frustranti.

Imma jibqa' l-fatt li, għalhekk, l-kwistjoni essenzjali hija *kif titressaq* il-mozzjoni li fuqha ikun irid jittieħed dan il-vot.

Hawnhekk is-Sedja terġa' taghmel riferenza ghar-ruling tal-Ispeaker Myriam Spiteri Debono fisseduta 217 tat-13 ta' Mejju 1998. L-iSpeaker Spiteri Debono, għar-rigward tat-talba li kienet saret għal mozzjoni simili mill-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, wara li ma laqgħethiex għaliex kienet saret waqt il-ħin tal-uncontested business, qalet hekk:

"Anke jekk għall-grazzja tal-argument, kellna ngħidu li din it-tip ta' mozzjoni hija ammissibbli, dan mhuwiex il-ħin li titressaq u tiġi diskussa iżda ħinha huwa fil-ħin tal-mozzjonijiet wara li tkun dehret fuq l-order paper".

Kull mozzjoni sostantiva, apparti dawk il-mozzjonijiet speċifiċi regolati mod ieħor, titqiegħed fuq l-Order Paper jew mill-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra jekk ikun hemm ftehim, jew mill-Kap tal-Kamra skond il-prassi kostanti ta' dan il-Parlament.

Dan huwa l-qafas regolatorju li ilu jiġi applikat f'din il-Kamra għal żmien twil u għal diversi leġiżlaturi. Għalhekk mozzjoni sostantiva ma tistax titqiegħed fuq l-aġenda tal-Kamra ħlief permezz ta' dawn il-metodi.

B'danakollu s-Sedja tħossha mgħobbija bir-responsabbilta' li tara li d-deputati jkollhom l-opportunita' li jiddibattu dak li jixtiequ. Fl-istess nifs, is-Sedja hija wkoll mgħobbija bir-responsabbilta' li tara li xxogħoltal-Kamra jimxi bl-ordni biex ix-xogħol tal-Gvern ikun jista' jsir speditament. Dan kollu firrispetttad-drittijiet tal-Oppożizzjoni u tad-deputati individwali. Din hija l-essenza tad-demokrazija parlamentari u tas-supremazija ta' din il-Kamra.

Is-Sedja ma hijiex sodisfatta bir-regolamentazzjoni li teżisti llum u li effettivament tpoġġi ċ-ċwievet f'idejn il-Gvern tal-ġurnata. Imma din hija r-regolamentazzjoni li bih dejjem tmexxa dan il-Parlament.

Is-Sedja tinnota li Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jipprovdu li ġurnata alternattiva kull gimgħatejn ilĦamis hija allokata għal xogħol tal-membri privati u taħt dak l-arranġament l-impasse preżenti ma kienx jinqala'. Dan l-arranġament pero’, bi prassi sfortunata li ilha ssir għal fuq nofs seklu, huwa frustrat bit-teħid ta' mozzjoni ta' proċedura fil-bidu ta' kull leġiżlatura li tissospendi xi wħud minn dawk l-ordnijiet permanenti u li fil-każ preżenti biex ma jkunx hemm laqgħat il-Ħamis bħalma kien indikat fl-Ordnijiet Permaneti nfushom. Wieħed jista' jifhem li dan forsi huwa wkoll meħtieġ biex il- Gvern jassigura li x-xogħol tiegħu isir, imma mill-banda l-oħra, ma għandux ifisser li mozzjoni tal-Oppożizzjoni jew ta' Deputat ma jinstabx ħin għaliha.

Din is-sitwazzjoni fissret li f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin kien hemm numru sewwa ta' mozzjonijiet privati (madwar 40 mill-1976 sal-2008) li ma tressqux fil-Kamra u skadew meta ġie xolt il-Parlament, jew li d-Deputati qatgħu qalbhom li qatt kienu ser jiġu diskussi wara li kienu fuq ilmotion book għal aktar minn tliet xhur jew anki għal snin sħaħ.

Is-Sedja hija fid-dover li tapplika r-regoli kif inhuma anki jekk hija x-xewqa tagħha li jinbidlu. Fliżvilupp tad-demokrazija parlamentari tagħna wasal iż-żmien li jkollna regoli aktar sofistikati u li jindirizzaw l-ħtieġa li deputati jew l-Oppożizzjoni jkollhom ħin allokat għalihom kif inoltre kienet lintenzjoni oriġinali tal-Ordnijiet Permaneti infushom.

Is-Sedja taghmel riferenza għar-ruling tagħha fis-Seduta numru 277 tat-Tnejn 8 ta’ Novembru 2010,fejn, għalkemm f'ċirkostanzi differenti minn dawk tal-lum, hija ħeġġet lill-Membri biex, fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-Kamra "jsegwu interpretazzjoni teleoloġika li tħares lejn l-iskop li għalihom tfasslu r-regoli, u inoltre li jżommu f’moħħhom li fil-kontinwità tad-demokrazija parlamentari jrid ikun hemm għaqal kbir fl-użu tal-poteri li jagħtu l-Ordnijiet Permanenti.." u "li jaraw li l-eżerċizzju tal-poteri li joħorġu minn dawn ir-regoli ma jmurx ‘il hinn, jew agħar minn hekk, kuntrarju għal, liskopli għalihom saru l-istess regoli".

Is-Sedja, filwaqt li ttenni li fiċ-ċirkostanzi preżenti dan mhuwiex il-kaz, tagħmel l-istess appell u tiddikjara li hija ser issegwi biex tara li dan ma jsirx, u jekk dan jirriżulta wara li jkun għadda żmien raġonevoli fiċ-ċirkostanzi kollha, tara x'rimedji tista' tagħti, jekk dan huwa possibbli.

Fid-dawl ta' dan, is-Sedja ħa terġa' tlaqqa' l-Kumitat tax-Xoghol tal-Kamra nhar il-Ħamis ta' din listessġimgħa bl-iskop li jintaħaq ftehim dwar ix-xogħol tal-Kamra. Sadanittant hija tappella lillpartijiet biex jużaw dan il-ħin biex ikollhom abbokkamenti neċessarji li jwassluhom għal ftehim.